Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-18 ta' Frar, 2004

Numru 391/2002

Il-Pulizija
(Sp Helga Debono)
vs
Antonio Cachia, iben Emanuele,
imwieled Sliema fil-25 ta’
april, 1939
u
Emilia Cachia, bint Joseph Sammut, imwielda Birkirkara
Fit-13 ta’ april, 1941

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli f’dawn il-Gżejjer fis-sena 1999 u fis-snin ta’ qabel,
b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda –
a. appropjaw ruħhom, billi dawwru bi profitt għalihom jew għal persuna jew persuni oħra, minn diversi assi li

globalment jeċċedu Lm1,000 fil-valur, liema somom ta' flus kienu jappartjenu lil Maria Concetta Sammut u persuni oħra u li ġew fdati lilhom minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tagħhom, jew minħabba depozitu neċessarju, taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd ta' flus jew li jsir użu minnhom speċifikat;

b. b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi urew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qliegħ ta' assi li l-valur jeċċedi Lm1,000 bi ħsara għal Maria Concetta Sammut u persuni oħra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenrali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat in-nomina tal-Avukat Dottor Thomas Abela tat-3 ta' ġunju, 2002.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess Dottor Thomas Abela eżebita fis-seduta tat-18 ta' frar, 2004.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' ġunju, 2003, miżmuma mill-perit legali, fejn Maria Concetta Sammut, il-kwerelanti, infurmat lill-perit legali li qegħda tirtira l-kwerela kontra l-imputati.

Għaldaqstant, in vista ta' din id-dikjarazzjoni ta' Maria Concetta Sammut tiddikjara
l-proċediment eżawrit u tastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-istess kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------